# Award in Civil Procedure

## Lecture Title: Drafting of Judicial Acts

Lecturer: Dr Erika Azzopardi Taliana

Date: 9th February 2023


21 ACADEMY

Diploma in Law (Malta)

CAMILLERI PREZIOSI ADVOCATES

MAMO TCV ADVOCATES

# Każ Nru. 1

ABC Ltd hija sid ta' ħanut tal-għamara u biegħhet kċina lil Patrick Bugeja għal €30,000. Patrick ħallas depożitu ta' €4000. Il-kċina ġiet kunsinnata u installata minn ABC Ltd. Madanakollu, Patrick għadu ma ħallasx il-bilanċ pendenti. ABC Ltd jiġu għandek għal parir.

Diskussjoni:

a) X'rimedju għandhom ABC Ltd?

b) X'tip ta' ittra uffiċjali tista' tiġi preżentata

c) X'tip ta' kawża tista' tiġi ppreżentata?

# Mistoqsijiet għal każ nru 1

a) Abbozza ittra uffiċjali
b) Abbozza rikors ġuramentat għal proċedura bil-giljottina

# Każ Nru. 2

Kris huwa sid tal-bejt u l-arja ta' blokka appartamenti bl-isem ta' 'Tal-Ħadid', Triq it-Tuffieħ, Qawra u jixtieq jiżviluppa l-arja. Sarah, is-sid ta' wieħed mill-appartamenti fil-blokka, qed tallega li hija sid ta' parti mill-bejt u l-arja u qed theddhed li ser tieħu passi legali kontra Kris jekk imexxi bl-iżvilupp.

Diskussjoni:

a) x'rimedju għandu Kris?
b) X'tip ta' att ġudizzjarju jista' jippreżenta?
c) X'tip ta' kawża tista' tiġi ppreżentata?

# Mistoqsijiet għal każ Nru. 2

- Abbozza protest ġudizzjarju

# Każ Nru. 3

Gianni huwa kuntrattur u ġie mqabbad minn Fredu sabiex jibni blokka appartamenti b'Birkirkara. Gianni lesta x-xogħlijiet u bgħat il-kont lil Fredu għall-ħlas ta' €100,000. Gianni bagħat ittra uffiċjali lil Fredu iżda dan wieġeb billi qal li mhux ser iħallas għax ix-xogħol sar ħażin u kellu jqabbad lil ħaddieħor jirranġa warajh.

Diskussjoni:

a) X'rimedju għandu Gianni?
b) X'tip ta' kawża tista' tinfetaħ? Għalfejn?
c) X'rimedju għandu Fredu meta jiġi notifikat bil-kawża?

# Mistoqsijiet għal każ Nru. 3

- Abbozza rikors ġuramentat għal Gianni
- Abbozza risposta ġuramentata u kontro-talba għal Fredu




21 ACADEMY

**Diploma in Law (Malta)**

CAMILLERI PREZIOSI ADVOCATES

MAMO TCV ADVOCATES

# Każ Nru. 4

123 Architects Limited hija ditta tal-Periti li provdiet servizzi professjonali lil Mary Galea fir-rigward tal-kostruzzjoni u d-disinn tad-dar tagħha fil-Madliena. 123 Architects ħarġet fattura għas-servizzi fl-ammont ta' €17,000. Mary qed tirrifjuta li tħallas għaliex hi tisħaq li diġa' ħallset għas-servizzi reżi.

Diskussjoni:

a) x'rimedju għandha 123 Architects Limited? X'tip ta' ittra uffiċjali tista' tintuża f'dan il-każ?

b) X'rimedju għandha Mary meta tiġi notifikata?

# Mistoqsijiet għal każ Nru. 4

- Abbozza ittra uffiċjali 166A
- Abbozza nota ta' oppożizzjoni għal ittra uffiċjali 166A

# Każ Nru 5.

Fl-20 ta' Diċembru 2021, Maria Borg sfat imtajjra minn vettura li kienet qed tinstaq minn Joe Grech, waqt li din kienet qed taqsam il-bypass tal-Imrieħel. B'riżultat ta' dan, Maria sofriet diżabbilita' permanenti. Ħadet passi kontra Joe u fetħitlu kawża. Fil-31 ta' Jannar 2023, ingħatat sentenza li sabet lil Joe unikament responsabbli għall-inċident u ordnatlu jħallas lill-Maria l-ammont ta' €400,000.

Mark ma jaqbilx mad-deċiżjoni għaliex skontu:

1. L-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra l-prova ċara li Maria qasmet bypass mingħajr ma ħarset iż-żewġ naħat u mingħajr ma użat *it-traffic lights* li kienu ftit l-isfel.
2. Il-kumpens ġie kkalkulat fuq 20% diżabbilita' permanenti mingħajr ma ttieħdet in konsiderazzjoni li Maria diġa' kellha diżabbilita' permanenti ta' 7% li ma kellhiex x'taqsam ma' dan l-inċident.

Diskussjoni - X'rimedju għandu Joe?

# Każ Nru. 5 ikompli.

Maria rċeviet l-appell u ma taqbilx. Hi ssostni li filfatt ħarset iż-żewġ naħat qabel qasmet, li l-*lights* ma kienux qed jaħdmu dak il-ħin. Hi taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel qorti li Joe huwa responsabbli għaliex kien qed isuq b'veloċitra' eċċessiva.

Diskussjoni – x'rimedju għandha Maria?

# Mistoqsijiet għal każ Nru. 5

- Abbozza rikors tal-appell għal Joe
- Abbozza risposta tal-appell għall-Maria



21 ACADEMY

Diploma in Law (Malta)

CAMILLERI PREZIOSI
ADVOCATES

MAMO TCV
ADVOCATES